**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, l-04 ta' Gunju 2024

Każ Numru: 132/2021

**IL-PULIZIJA**
**Vs**

**Jacqueline Camilleri**

(detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 43173 (M))

**Yolanda Attard**

(detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 430369 (M))

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, Jacqueline Camilleri, imwielda l-Pieta' bint Carmelo u Rose nee' Agius, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 43173 (M) u residenti 'Kristalli', Flat 1, Triq Pawlu Farrugia, Ħal-Qormi u l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Yolanda Attard, imwielda l-Pieta', bint Joseph u Michelina nee' Briffa, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 430369 (M) u residenti Binja 21 ta' Settembru 1964, Entratura A, Flat 3, Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann:

Lil Jacqueline Camilleri u Yolanda Attard flimkien, talli fit-23 ta' Frar 2020 u/jew fil-ġranet ta' qabel f'ħinijiet diversi waqt li kienu ġewwa l-Italja:

1. Bl-intenzjoni li jikkawżaw dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta oħra, ħadu jew żvelaw xi ritratti jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna u cioe' ta; **Concetta Zarb** persuna ta' Nazzjonalita Maltija;
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni għamlu użu ieħor mhux xieraq bih.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali fejn skont l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali ta il-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mgħotija llum stess mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat ukoll li bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni orali finali.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-Dokumenti esebiti.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet se toqgħod fuq il-provi.

Semgħet s-sottomissjonijiet finali tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Christine Delia** xehdet li fit-23 ta' Frar 2020 ġiet infurmata mill-Pulizija tal-Għassa tan-Naxxar li kienu marru jirrapurtaw ġewwa l-Għassa Anthony Zarb u Frida Xuereb li kienu rċevew video permezz ta' Facebook Messenger fejn fl-istess

video kienet tidher ommhom Concetta Zarb b'mod indiċenti. Dan il-filmat kien intbagħat lilhom mill-kuġin tagħhom.

Il-Pulizija kienu tkellmu ma Concetta Zarb fejn hija nfurmathom li kienet siefret jumejn ma xi ħbieb tagħha ġewwa Sqallija u waqt li kienu fl-appartament huma bdew jiċċajtaw bejniethom jekk kellhomx suf ma ġisimhom u hija sabiex turihom li ma kellhiex kienet neżgħet il-ħwejjeġ ta' taħt u wriethom il-parti privata tagħha.

Dak il-ħin hija kienet ma Jacqueline Camilleri u għalhekk il-pulizija bagħtu għaliha. Jacqueline Camilleri marret l-Għassa akkumpanjata minn Yolanda Attard.

Waqt l-istqarrija, Jacqueline Camilleri ammettiet li kienet hi li rrekordjat il-video li fih tidher Concetta Zarb b'mod indiċenti u ammettiet li dan l-istess filmat kienet bagħtitu lil Yolanda Attard.

Waqt l-istqarrija, Yolanda Attard ammettiet li kienet irċeviet il-filmat u hija kienet bagħtitu lill-partner tagħha Kenneth Bartolo u lil oħtha Joanne Cauchi.

Meta Kenneth Bartolo u Joanne Cauchi ġew mitkellma mix-xhud, huma kienu ammettew li kienu irċevew il-filmat, iżda sostnew li huma ma kienu bagħtuh lil ħadd. Infatti huma kienu ħassru l-filmat minn fuq il-mobile tagħhom.

Ix-xhud ippreżentat CD b'filmat li ġiet mmarkata bħala Dok CD 1, mobile tal-għamla Samsung S8 ta' lewn iswed li jappartjeni lil Yolanda Attard li ġie mmarkat bħala Dok CD 2, mobile tal-għamla Samsung J4 ta' lewn roża li jappartjeni lil Jacqueline Camilleri li ġie mmarkat bħala Dok CD 3, CD b'xi estratti meħudin minn mobiles li ġiet immarkata bħala Dok CD 4 u żewġ irċevuti li ġew immarkati bħala Dok CD 5.

L-Ispettur Christina Delia reġgħet xehdet fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 fejn ppreżentat ċertifikat tat-twelid ta' Concetta Zarb.

2. **Concetta Zarb** xehdet li hija kienet qegħda tagħraf liż-żewġ imputati. It-tlieta li huma kienu jkunu flimkien meta kienu jiltaqgħu Baħar iċ-Ċagħaq.

Ix-xhud sostniet li huma kienu siefru flimkien ġewwa Catania u kienu krew flat. Ix-xhud sostniet li meta marret tinħasel sabet li fil-kamra tal-banju ma kienx hemm banketta biex tpoġġi bilqiegħda biex tkun tista tilbes u għalhekk wara li nħaslet kienet kostretta toħroġ għarwiena.

Malli ħarġet mill-kamra tal-banju sabet lill-imputata Jacqueline Camilleri u Camilleri qaltilha "mela tqaxxru" u ħaditilha ritratt tal-parti intima tagħha mingħajr lanqas biss kienet taf.

Ix-xhud xehdet li kif appena ġiet lura mis-safar, it-tifla urietha l-filmat li hija kienet tidher b'mod indiċenti u marru jirrapurtaw lil pulizija dan il-każ għax b'dak il-filmat, l-imputati avvelewha ma kulħadd.

In kontro-eżami Concetta Zarb sostniet li huma damu madwar ġimgħa msefrin.

Ikkonfermat li Yolanda kienet selfitha xi flus biex tkun tista ssiefer, liema flus ħallsithom lura. Ikkonfermat li fil-flat kienu qegħdin joqogħdu sitt persuni.

3. **Tony Zarb** xehed li huwa t-tifel ta' Concetta Zarb. Ix-xhud sostna li huwa ra video fuq chat li huwa kellu ma sħabu fejn fih dehret ommu. Ic-chat kienet fuq Messenger. Ix-xhud talab lil min kien imexxi l-group chat biex iħassar il-filmat iżda ġie infurmat li huwa ma setax iħassru u għalhekk flimkien ma oħtu Frida Xuereb u ommu kienu marru jirrapurtaw l-Għassa tal-Pulizija.

4. **L-Ispettur Neil Caruana** ppreżenta r-relazzjoni tiegħu kif ukoll il-kopja diġitali tad-data kollha li nħarġet mid-devices mitluba.

   In kontro-eżami x-xhud spjega kif l-extractions mill-mobile isiru permezz ta' software magħmul għal dan il-għan li jipprovdi audit trial. Dan isir billi jitqabbad il-mobile phone mas-software u skond il-kapaċitajiet li jkun hemm f'dak il-mobile partikolari, tittieħed id-data li tkun tista tittieħed minn fuq id-device. Il-kontenut jitniżżel b'mod forensiku permezz ta' audit trail fejn mis-software tad-device il-kontenut jiġi trasferit għal fuq il-kompjuter.

L-extractions li ttieħdu mil-mobile tal-imputata Yolanda Zammit jinsabu fic-CD annessa mar-rapport. Ix-xhud sostna li huwa ma jagħmilx analiżi tal-extractions.

5. **Ir-Relazzjoni tal-Ispettur Neil Caruna** tkkonferma li huwa kien nominat bħala Scene of Crime Officer tal-post fejn kien ġara l-inċident u li kien eleva xi dokumenti annessi fir-relazzjoni tiegħu.

6. **Frida Xuereb** xehdet li hija t-tifla ta' Concetta Zarb. Sostniet li ommha kienet siefret Catania u fit-23 ta' Frar 2020 kienet irċeviet telefonata mingħand il-kuġin tagħha Antoine Borg fejn infurmaha li se jibgħatilha filmat biex tikkonferma jekk il-persuna li tidher fil-filmat kinitx ommha.

   Meta rat il-filmat hija għarfet lill-ommha u kien se jagħtiha ħass ħażin. Immedjatament ċemplet lil ħuha. Ħuha talabha sabiex tibgħatlu l-filmat u eventwalment ċemplilha u talabha sabiex tinforma lill-ommha sabiex imbagħad imorru jagħmlu rapport għand il-pulizija.

   Ix-xhud marret għand ommha Baħar iċ-Ċagħaq u talbitha sabiex tmur magħha għax hi u ħuha xtaqu jkellmuha u saqitha sal-Għassa tal-Pulizija. X'ħin waslu ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, ommha staqsitha għalfejn niżlitha l-Għassa u x-xhud spjegatilha li hija ma għamlet xejn ħażin u spjegawla x'kien ġara.

   Ix-xhud sostniet li qabel dan l-inċident hija kienet diġa talbet lil Jacqueline Camilleri sabiex ma tellax ritratti ta' ommha fuq facebook.

7. **Antoine Borg** xehed li Concetta Zarb hija zitu.

   Ix-xhud sostna li huwa kien qed iqalleb fuq il-mobile u ltaqa ma filmat li mil-leħen induna li l-persuna li kienet fil-filmat kienet proprju Concetta Zarb. Il-kontenut tal-filmat kien jikkonsisti billi fost l-oħrajn kien juri l-parti privata tan-nisa.

   Huwa kien bagħat il-filmat lil kuġintu Frida sabiex tikkonferma li l-mara li tidher fil-filmat kienet propju ommha, Concetta Zarb.

8. **L-istqarrija tal-imputata Yolanda Attard rilaxxata lil pulizija fit-23 ta' Frar 2020** fejn fiha hija stqarret li qatt ma kellha każijiet mal-pulizija. F'din l-istess stqarrija l-imputata Yolanda Attard stqarret li hi flimkien ma Jacqueline Camilleri, Concetta Zarb u oħrajn kienu marru btala ġewwa Sqallija. Sabiex Concetta Zarb siefret magħhom l-imputata Yolanda Attard kienet selfitha xi flus.

Sostniet kif huma kienu qegħdin jgħixu ġo flat u Jacqueline Camilleri ġibdet fuq il-mobile tagħha filmat ta' Concetta Zarb li juri l-parti privata tagħha. Dak il-ħin hija ma kinitx il-flat.

Eventwalment hija rritornat il-flat u fost ħafna daħk Jacqueline Camilleri urietha dan il-filmat. Sostniet li l-istess Jacquline Camilleri bgħatitilha dan il-filmat fuq il-mobile fuq il-Messenger tagħha. L-imputata Yolanda Attard sostniet li hija bagħtet dan il-filmat lill-għarus tagħha u lil oħtha fuq il-Facebook Messenger.

Stqarret li hija kienet ħassret il-filmat mic-chat tal-għarus tagħha u ta' oħtha u li hija jiddispjaċiha ta' dak li ġara.

9. **L-istqarrija tal-imputata Jacqueline Camilleri datata 23 ta' Frar 2020,** fejn hija ddikjarat li qatt ma kellha każijiet mal-pulizija ħlief għal każ wieħed tad-distrett.

Stqarret li hija taf lil Concetta Zarb għax ikunu Baħar iċ-Ċagħaq flimkien. Sostniet li hi u Concetta huma ħbieb u fil-fatt min jaf kemm il-darba Concetta talbitha biex tmur tixtrilha, tiżboħilha xagħra u anke jsajru u jieklu flimkien. Saħansitra fil-btala stess Jacqueline Camilleri kienet se tiġġennen għax Concetta intilfet u għamlet madwar ħames siegħat tfittixha.

Jacqueline Camilleri ikkonfermat li hija flimkien ma Concetta Zarb, Yolanda Attard u oħrajn kienu siefru Sqallija.

Spjegat li waqt li kienu fl-appartament, Concetta Zarb daħlet tinħasel u ħarġet nofsha għarwiena u fost ħafna daħk u ħafna iċċaċċrar bdiet tgħajjat "*ara qaxxartu, qaxxartu*". Fl-appartament kien hemm ukoll ċertu waħda Carmen.

L-imputata Jacqueline Camilleri ħarġet il-mobile u ġibdet il-video, pero ma kellha ebda intenzjoni li dan il-filmat jinxtered għaliex wara kollox hi u Concetta dejjem flimkien u tgħidx kemm jidħku flimkien. Hija tieħu ħafna paċenzja b'Ċetta.

Meta marret il-flat Yolanda Attard, Jacquline Camilleri wrietha il-filmat, u l-istess Yolanda Attard talbitha sabiex tibgħatilha l-filmat. Hija kontra qalbha aċċettat li tibgħatilha l-filmat pero qaltilha biex dik l-affari tibqa' bejniethom u ma tibgħatu lil ħadd aktar. Apparti lil Yolanda Attard, hija ma kinitx bagħtet il-filmat lil xi persuni oħra.

Sostniet li malli waslu Malta hija kienet ħassret il-filmat.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati, l-avukati tal-imputati għamlu diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni.

L-imputati għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huma kellhom kull dritt li jagħmlu.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
   Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

   Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

   Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"talli fit-23 ta' Frar 2020 u/jew fil-ġranet ta' qabel waqt li kienu ġewwa* ***l-Italja*** *bl-intenzjoni li jikkawżaw dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta oħra, ħadu jew żvelaw xi ritratti jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna u cioe' ta' Concetta Zarb persuna ta' Nazzjonalita Maltija"*

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputati jinsabu akkużati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 208 E tal-Kodiċi Kriminali liema Artikolu jipprovdi bil-mod segwenti:-

> *"208E.(1) Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jieħu jew jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija sa ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn tmint elef euro (€8,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien.*
>
> *(2) Persuna ma tinstabx ħatja ta' delitt taħt dan l-artikolu jekk:*

*(a) f'każ illi tkun ħadet ir-ritratt jew film sesswali bil-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film, tkun żvelat ir-ritratt jew film sesswali lill-persuna jew persuni murija jew impinġija f'dak ir-ritratt jew film; jew*
*(b) l-iżvelar kien meħtieġ sabiex timpedixxi, tikxef jew tinvestiga xi delitt; jew*
*(ċ) sal-limitu li jkun raġonevolment meħtieġ, l-iżvelar ikun awtorizzat minn qorti jew tribunal matul proċedimenti ġudizzjarji:*

*Iżda meta awtorizzazzjoni tiġi hekk mogħtija minn xi qorti jew tribunal, ir-ritratt jew film sesswali għandu, mingħajr dewmien, jiġi ssiġillat mir-reġistratur jew deputat reġistratur ta' dik il-qortijew tribunal u għandu jkun aċċessibbli biss mill-partijiet fil-kawża jew għar-rappreżentanti legali awtorizzati.*

*(3) Meta r-reat kontemplat f'dan l-artikolu jsir bħala mezz jewfil-kuntest ta' rikatt il-piena tiżdied bi grad.*

*(4) F'dan l-artikolu: "teħid" għandha tirreferi għat-teħid mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;*
*"żvelar" għandha tiġi interpretata bħala li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;*
*"privat" għandha tirreferi għal kull ritratt jew film li qatt ma kienintenzjonat li jkun għal użu pubbliku;*
*"sesswali" għandha tinkludi r-rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti jew mill-pubic area ta' persuna, jew, fil-każ tas-sess femminil, tas-sider, jew ta' kull kontenut li, meta meħud bħala sħiħ, persuna raġonevoli tikkunsidra li tkun sesswali minħabba x-xorta tagħha;*
*"ritratt jew film" tfisser immaġni jew data li tiċċaqlaq jew wieqfa, maħżuna b'kull mezz, li tkun tista' tiġi mibdula f'immaġni li tiċċaqlaq jew wieqfa.*

L-imputati jsostnu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din l-imputazzjoni stante li r-reat de quo seħħ l-Italja.

Il-Qorti setgħet tikkonstata li filwaqt li l-Artikolu 208A(1) tal-Kodiċi Kriminali jispeċifika b'mod ċar u inekwivoku li jirreferi għal kull min sew Malta kif ukoll barra minn Malta' jagħmel dak indikat fl-istess Artikolu, l-istess kwalifika ma ssirx fl-Artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-kwalifika li r-reat jirreferi għal atti

li saru kemm Malta kif ukoll barra minn Malta qed tiġi eskluża għaliex altrimenti l-leġislatur kien jispeċifikaha kif għamel in kwantu jirrigwarda l-Artikolu 208A(1).

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Bonnici**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2016 ingħad:

> *"Issa dak li donnu jidher li sfugga kemm lill-Ewwel Qorti kif ukoll lill-partijiet f'din il-vertenza huwa dak mahsub mill-legislatur fl-artikolu 208B(5)(b) fejn hemm espressament dispost hekk:*
>
> ***Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5, il-qrati ta' Malta għandhom ukoll ikollhom ġurisdizzjoni fuq l-imsemmija reati meta: (b) il-ħati jkun ċittadin Malti jew resident permanenti f'Malta jew ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' korp magħqud reġistrat f'Malta;***
>
> ***(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-frażi "resident permanenti" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 5(1)(d).***
>
> ***U dan b'referenza ghar-reati indikati fis-sub-inciz (1) ta' din id-disposizzjoni tal-ligi li jinkludi allura ir-reat taht l-iskrutinju tal-Qorti****"*

Illi pero r-reati indikati fis-subinċiż (1) tal-Artikolu 208B(5)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma dawk ir-reati taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D, u l-artikolu 208A(1), (1A), (1B), 208AA u 208AB tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk l-Artikolu 208B(5)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għar-reati kkontemplati taħt l-Artikolu 208E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif anke ngħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Bonnici**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru 2016:

> *"Illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi il-kwalifika li tezisti ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 208A(1), li allura tqies bhala gudikabbli kull persuna cittadin jew residenti permanenti f'Malta li jikkometti ir-reat anke*

*jekk barra minn Malta, ma hijiex riflessa imbaghad meta il-ligi tikontempla ir-reat previst fl-artikolu 208A(1B) tal-Kap.9, u liema reat huwa ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni. Sahhqet li lanqas il-principju tat-territorjalita' kif imfisser fl-artikolu 5 (1)(i) ma jista' isib applikazzjoni ghal dan irreat billi d-dicitura tal-ligi espressament teskludieha.*

*L-Avukat Generali ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni ghaliex jishaq illi gjaldarba dan ir-reat huwa reat ikkontemplat ukoll fil-ligi penali tal-Germanja u precisament fil-Kodici Kriminali Tedesk fl-artikolu 184b tieghu, allura jidhol fis-sehh l-applikazzjoni ta' l-artikolu 5 (1)(i) tal-Kap.9 li jiddisponi illi: "Saving any other special provision of this Code or of any other law conferring jurisdiction upon the courts in Malta to try offences, a criminal action may be prosecuted in Malta against any person who commits an offence which, by express provision of law, constitutes an offence even when committed outside Malta"*

*Illi d-dicitura adoperata fit-test Ingliz ta' din id-disposizzjoni taghti t-twegiba ghal kwezit rispost ghal gudizzju ta' din il-Qorti. Dan ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi sabiex il-gurisdizzjoni tal-Qorti tigi estiza, irid jezisti dispost espress fil-ligi li iqies lazzjoni kriminuza bhala reat anke meta dan jigi kommess barra minn Malta, bhal kif hemm espressament legislat fl-artikolu 208A(1)."*

Illi għalhekk f'dan il-każ l-artikolu 5(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax.

Illi pero l-Prosekuzzjoni ssostni li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeciedi dwar din l-imputazzjoni u dan skond l-artikolu 5 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

"5.(1) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni speċjali oħra ta' danil-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati f'Malta biex jiġġudikaw reati, l-azzjoni kriminali tista' titmexxaf'Malta, skont il-liġijiet tagħha -

*(d) bla ħsara tal-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu,**kontra kull ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta**, li f'xi post jew abbord ta' xi bastiment jew biċċa oħra tal-baħar jew fuq xi inġenji tal-ajru jkunu fejn ikunu, isir ħati tar-reati msemmija fl-artikolu 54A jew ta' reat kontra s-sigurtà tal-Gvern jew tar-reati msemmija fl-artikoli 133, 139A, jew tar-reati msemmija fl-artikoli 188B, 188Ċ, 188D, jew tar-reati msemmija fl-artikoli 311 sa 318 u fl-artikolu 320 meta dawn isiru jew jiġu diretti kontra jew fuq xi faċilitàtal-Istat jew tal-gvern, faċilità infrastrutturali, post pubbliku jew aċċessibbli għall-pubbliku jew sistemata' trasport pubbliku, jew ta' falsifikazzjoni ta' xi obbligazzjonijiet tal-Gvern imsemmija fl-artikolu 166 jew ta' xi wieħed mid-Dokumenti msemmija fl-artikolu167, jew tar-reat imsemmi fl-artikolu 196, **jew ta' xi reat ieħor kontra l-persuna ta' ċittadin ta' Malta jew ta' xi resident permanenti f'Malta**.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu:*

*"resident permanenti" tfisser persuna li jkun ingħatalha permess ta' residenza skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;*

*"reat kontra l-persuna" tinkludi r-reati msemmija fl-artikoli 86 sa 90 u fl-artikoli 198 sa 205;*

*l-espressjoniijiet "faċilità tal-Istat jew tal-Gvern","faċilità infrastrutturali", u "sistema ta' trasport pubbliku" għandhom l-istess tifsira li ngħatat lilhom rispettivament fl-artikolu 314A(4);"*

Illi fis-sentenza **l-Pulizija vs Carmel Penza** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Novembru 2011 ġie deċiż li:

*"Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, jekk naghmlu referenza ghall-artikolu 5 tal-Kodici Kriminali naraw li fost l-istanzi fejn il-Qorti jkollha l-gurisdizzjoni li tipprosegwixxi hawn Malta fil-Qrati taghha hemm ic-cirkostanza ta' reat kommess fi kwalunkwe post (mhux biss gewwa Malta) minn persuna li ghandha residenza permanenti jew cittadinanza hawn Malta kontra persuna ohra li wkoll ghandha residenza permanenti jew cittadinanza hawn Malta (paragraph (1)(d) tal-artikolu 5). Jekk inqisu l-posizzjoni legali ta' Carmel Penza kif ukoll tal-appellanti Emanuel u Noel Abdilla m'hemm l-ebda dubbju li hekk kien il-kaz hawnhekk."*

Illi mill-provi jirriżulta li kemm Concetta Zarb u anke l-imputati Jacqueline Camilleri u Yolanda Attard huma ċittadini Maltin u għalhekk il-Qorti ssostni li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din l-imputazzjoni. Għaldaqstant sejra tgħaddi sabiex tiddeċiedi jekk l-imputati Jacqueline Camilleri u Yolanda Attard għandhomx jinstabu ħatja ta' din l-imputazzjoni.

Illi fil-kawża **l-Pulizija vs Omissis** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Ottubru 2019, ngħad li:

*"**Abbozz ta' Ligi li ntroduca Artikolu 208E***
*Fl-Abbozz ta' Ligi mressaq mill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici u moqri għall-ewwel darba fil-Kamra tar-Rappreżentanti fis-Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015 l-Att biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' jew li huma anċillari għalihom kien qieghed jipproponi li Art 208E jipprovdi:*
*208E. (1) Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq jew ħsara emozzjonali, jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrapreżentati f'dak ir-ritratt jew film jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien sentejn jew għal multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien.*
*(2) Persuna ma tinstabx ħatja ta' delitt taħt dan l-artikolu jekk:- (a) tkun żvelat ir-ritratt jew film sesswali lill-persuna jew persuni murija jew impinġija f'dak ir-ritratt jew film; jew*
*(b) l-iżvelar kien meħtieġsabiex timpedixxi, tikxef jew tinvestiga xi delitt, jew*
*(ċ) sal-limitu li jkun raġonevolment meħtieġ, l-iżvelar ikun awtorizzat minn qorti jew tribunal matul proċedimenti ġudizzjarji:*
*Iżda meta awtorizzazzjoni tiġi hekk mogħtija minn xi qorti jew tribunal, irritratt jew film sesswali għandu, mingħajr dewmien, jiġi ssiġillat mirreġistratur jew deputat reġistratur ta' dik il-qorti jew tribunal u għandu jkun aċċessibbli biss mill-partijiet fil-kawża jew għar-rappreżentanti legali awtorizzati;*
*(3) F'dan l-artikolu: "żvelar" għandha tiġi interpretati bħala li tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni, iddistribuzzjoni, in-negozju, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;*
*"privat" għandha tirreferi għal kull ritratt jew film meħud mingħajr il-kunsens jew l- għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew film li qatt ma kien intenzjonat li jkun għal użu pubbliku;*

*"sesswali" għandha tinkludi r- rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti jew mill-pubic area ta' persuna, jew, fil- kaz tas-sess femminil, tas-sider, jew ta' kull kontenut li, meta meħud bħala sħiħ, persuna raġonevoli tikkunsidra li tkun sesswali minnħabba x-xorta tagħha;*

*"ritratt jew film" tfisser immaġni jew data li tiċċaqlaq jew wieqfa, maħżuna b'kull mezz, li tkun tista' tiġi mibdula f'immaġni li tiċċaqlaq jew wieqfa.*

*Dan ir-reat kien diskuss fil-Kumitat Permanenti ghallKonsiderazzjonijiet ta' Abbozzi ta' Ligi nhar it-Tlieta 28 ta' Gunju, 2016:*

***ONOR. OWEN BONNICI:** Din hija dik li jgħidulha r-revenge porn li pajjiżna huwa t-tielet pajjiż fl-Ewropa li issa qed jagħmilha bħala reat għax, sakemm ippreżentajna dan l-Abbozz, kien hemm pajjiż ieħor li ssuperana, però ftit huma l-pajjiżi li għamluha. Qed ngħidu li jekk inti tkun f'relazzjoni – anke jekk ma tkunx, imma normalment meta jkun hemm relazzjonijiet li ma rnexxewx li jsiru dawn l-affarijiet – u forsi f'mument intimu tibgħat ritratt lill-partner tiegħek – dejjem nagħti parir biex din ma ssirx, imma hawn min jagħmilha – imbagħad, għax wieħed ikun telaq lill-ieħor, bħala vendetta joqgħod ixerred ir-ritratti lil ħaddieħor. Dak issa sar reat kriminali serju ħafna li, jekk jinstab ħati, wieħed jista' jeħel priġunerija għal żmien sentejn, jew multa ta' mhux inqas minn €3,000 u mhux iktar minn €5,000, jew it-tnejn flimkien.*
*[...]*

***ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Naħseb li f'dak li jirrigwarda l-iżvelar mhux konsenswali ta' films u ritratti privati, tajjeb li nagħmlu ftit distinzjoni bejn xi jkunu r-relazzjonijiet, jiġifieri meta xi ħadd qiegħed joħroġ ir-ritratti biex jagħmel ħsara lil ħaddieħor, imbagħad meta xi ħadd qiegħed jagħmel użu minn dawn ir-ritratti għal rikatti oħrajn. Jien kont tkellimt fuq dan il-punt, jiġifieri li wieħed jagħmel distinzjoni meta jkollok sitwazzjoni ta' blackmail ukoll involut, u allura jekk wieħed għandux jagħmel aggravju separat u distint. Jiġifieri, żewġ persuni tal-istess sess jew ta' sess differenti li, biex ipattuha lil xulxin – jew anke jekk mhux neċessarjament biex ipattuha lil xulxin – qed jesponu fil-pubbliku ritratti li huma żvelati fil-privat. Jien qed nara tliet sitwazzjonijiet.*
*[...]*

*Bażikament, aħna naqblu fiha. Imma, hemm tliet sitwazzjonijiet: l-ewwel, meta xi ħadd jiddivulga fil-pubbliku xi ħaġa li hija privata; ittieni, meta xi ħadd jagħmilha bi ħsieb biex ipattiha lil xi ħadd għax kellu kwestjoni, biex jagħmillu azzjoni ħażina; it-tielet, fi sfond ta' blackmail. Jiġifieri, hemmhekk għandek tliet xenarji ftit differenti. Jekk inti tħoss li f'dan l-*

*istadju huwa prematur, inħalluha kif inhi; però, xtaqt inqajjimha għax naħseb li l-Qorti għandha tagħmel distinzjoni bejn meta jkollok tnejn li huma namrati, wieħed jibgħat ir-ritratti tannamrata jew tal-ħabib lil ħaddieħor, persuna waħda; jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd fuq il-mezzi elettroniċi tal-lum; jew inkella jużaha bħala lieva biex jitlob lil ħaddieħor xi pożizzjoni jew xi flus taħt il-liġi tal-blackmail.*

*Dawn ir-realtajiet ta' nies li jagħmlu dawn l-azzjonijiet lil xulxin diġà missejt magħhom fil-professjoni tiegħi bħala avukat f'dawn l-aħħar snin, u naħseb li hemm għandna nagħmlu distinzjonijiet u aggravji.*

*Għax f'artikolu 208E(1), li hemm fi klawsola 6, jingħad hekk: "Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq jew ħsara emozzjonali, ..." Indejqek biss jew nagħmillek ħsara emozzjonali; jiġifieri, jekk irrid nagħmillek ħsara ta' dannu, mhux ħsara emozzjonali biss, intellfek ilpost tax-xogħol tiegħek, jew noskurak fil-pubbliku, jew nagħmillek azzjoni għal xi raġuni oħra.*

*Artikolu 208E(1) ikompli jgħid hekk:*

*"... jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film, jeħel ..." Il-frażi "mingħajr il-kunsens" hija tajba għax, jekk ikun hemm il-kunsens, allura qed taċċetta inti, imma għandu jkun hemm element ta' xi ħaġa li turi mala fede.*

*Nagħtu każ jien ma tajtekx il-kunsens għaliha, imma inti għamiltha mingħajr ħsieb ħażin, għamiltha bi żball, allura hawnhekk tiġi li qed tikkawża dwejjaq, qed tikkawża ħsara emozzjonali, però ma kellekx lintenzjoni la li tikkawża dwejjaq u lanqas li tagħmel ħsara emozzjonali, imma dejjem saret mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna.*

*... Ngħidlek li tista', u anke ngħidlek għaliex. Għax jista' jkollok sitwazzjonijiet fejn xi ħadd ikollu minn dawn ir-ritratti u bi żball jiddivulgahom. Illum in-nies jagħfsu l-buttuni fuq il-mobile, jibagħtu SMSs lil min m'għandhomx, jibgħatu WhatsApp lil min m'għandhomx, jibgħatu emails lil min m'għandhomx, jiġifieri din hija xi ħaġa li tiġri kuljum. Xi ħadd ikellmek fuq xi ħaġa, u minflok tagħfas buttuna ... Jien ġieli nirċievi messaġġi ta' "X" u ta' "Y" li m'għandhomx x'jaqsmu ma' ħajti. Imnalla jien avukat għax għandi s-sigriet professjonali u teliminahom; imma ħaddieħor jista' jagħmel użu minnhom mhux neċessarjament tajjeb. Qed inqajjem dawn l-affarijiet biex is-sistema taħdem tajjeb, għax aħna naqblu ħafna magħha. Anzi, aħna rridu nissalvagwardaw lil dawn in-nies li huma verament vulnerabbli, speċjalment dawk li aħna nsejħu gay. Dawk huma l-iktar vulnerabbli għax*

*meta jiġġieldu bejniethom il-ħsara li jkunu jridu jagħmlu lil xulxin hija ferm iktar, biex ngħid hekk, tkun ta' ċertu grad jew superjorità għal dak li jkun hemm bejn tfajla u ġuvni. Ikun hemm ukoll ħmerijiet għax naraw, imma hemm ċertu animu li wieħed irid joqgħod attent għalih. U hawnhekk nixtieq nagħmel distinzjoni, jiġifieri b'liema animu qed issir, u tagħmel sens.*

***DR PETER GRECH (Avukat Ġenerali):*** *Dan ir-reat li qed jiġi introdott huwa reat speċifiku mhux ħażin, fis-sens li* ***l-elementi tiegħu huma l-intenzjoni li tikkaġuna dwejjaq jew ħsara emozzjonali****, jiġifieri circumstantial evidence trid tindika li dak li jkun mhux kien qed jilgħab bit-telephone u kumbinazzjoni dan ir-ritratt spiċċa għand xi ħadd****, imma jkun hemm assjem ta' ċirkostanzi li juru li kien hemm animu li lil dak li jkun jikkaġunalu ħsara jew dwejjaq****. Ir-ritratt jew film irid ikun ta' natura sesswali, u din hija definita wkoll b'mod li ma tinkludix affarijiet li huma tal-ħajja ta' kuljum, għax is-sesswali għandha tinkludi rrappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti, jiġifieri dawn mhux ritratti ...*

***ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:*** *Din nifhimha. Fl-2008, kellna każ ta' mara li kienet inġiebet f'ritratt li xejn ma kellha espost, però madwarha kellha arma ta' partit, u kienet tidher b'mod li taħtha ma kellhiex ħwejjeġ. Jiġifieri, ma kienx hemm l-espożizzjoni ta' dik il-persuna, tal-ġenitali tagħha jew tas-sider jew ta' kwalunkwe parti oħra, però kien hemm ċar l-innuendo tagħha esposta b'ċertu mod u manjiera li ġabuha f'din is-sitwazzjoni li għamlulha azzjoni ħażina, ġiet divulgata, u sabet lilha nnifisha wkoll fil-gazzetti; f'kelma waħda, kien hemm min għamel xalata minnha. Kif inhi l-liġi, f'dak il-każ dak li jkun ikun għamel l-affarijiet b'mod li ma jaqax neċessarjament fil-liġi, għax hawnhekk id-definizzjoni ta' "sesswali" tinkludi rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti. Mela, jekk ma tesponix il-ġenitali ... (Interruzzjonijiet)*

***DR PETER GRECH****: Iktar 'il quddiem imbagħad titwessa' ftit iddefinizzjoni ... Ma jkoprix kull sitwazzjoni li tista' timbarazza lil dak li jkun u kull breach of privacy, imma dan it-tip ta' ritratti u filmati intimi ħafna li ħafna drabi naħseb min qed jeħodhom ma jkunx jaħsibha biżżejjed li jistgħu jispiċċaw f'idejn xi ħadd jew anke in the public domain illum. Huwa faċli ħafna.*

*Dan li qiegħed isir reat, jiġifieri trid l-intenzjoni, trid ċertu tip ta' ritratti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' ritratti jew films sesswali. Inkwantu għall-blackmail, naħseb li dak huwa kopert bir-reat separat ta' blackmail, għax il-blackmail diġà huwa u ilu reat għal rasu. Jiġifieri, jista' wieħed forsi*

*jiġi mixli taħt iż-żewġ affarijiet minħabba ċirkostanza partikolari, imma blackmail hu u ilu reat stabbilit mill-antik.*

***L-emendi tal-2018***

*L-artikolu 208E inhass il-bzonn li jkun emendat fejn anke zdiedet ilpiena12 fejn (i) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem:*
*"għal żmien sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tlett elef euro (€3,000) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)" għandhom jidħlu l-kliem "għal ħames snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn tmint elef euro (€8,000)";*
*(ii) fis-subartikolu (4) tiegħu, il-kliem*
*"meħud mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tal-persuna jew persuni rappreżentati fih, jew għal kull ritratt jew film" għandhom jitħassru;*

***L-Emendi tal-2019***

*L-artikolu 208E tal-Kodiċi kien emendat kif ġej:*
*(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita kif ġej:*
*"Teħid jew żvelar mhux konsenswali ta' films u ritratti sesswali privati.";*
*(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew ħsara ta' kull xorta," għandhom jiżdiedu l-kliem "jieħu jew";*
*(ċ) fis-subartikolu (2)(a) tiegħu, minnufih qabel il-kliem "tkun żvelat" għandhom jidħlu l-kliem "f'każ illi tkun ħadet irritratt jew film sesswali bil-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak irritratt jew film,"; u*
*(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "F'dan l-artikolu:" għandha tiżdied it-tifsira li ġejja: " "teħid" għandha tirreferi għat-teħid mhux awtorizzat ta' ritratti u films sesswali privati, b'kull mezz;".*

Illi fil-kawża **l-Pulizija vs Alan Seguna** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2023, ngħad li:

*"L-imputat huwa mixli bir-reat taħt l-artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi illi iwettaq reat kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, jieħu jew jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak irritratt jew film.*

*Hu minnufih evidenti li l-elementi materjali li jeħtieġu jiġu ppruvati mill-Prosekuzzjoni biex tinstab ħtija għal dan ir-reat, huma l-eżistenza ta' ritratt jew film sesswali privat; it-teħid jew żvelar ta' dak ir-ritratt jew film lil terza persuna; u n-nuqqas tal-kunsens tal-persuna li hija rappreżentata fir-ritratt jew film għall-iżvelar jew teħid.*

> ***Barra dan tinħtieġ ukoll il-prova tal-element formali fl-aġent tar-reat tal-intenzjoni li bl-azzjonijiet tiegħu li jikkostitwixxu l-elementi materjali tar-reat, jikkawża dwejjaq jew ħsara lil persuna oħra.”***

Illi huwa evidentament ċar li sabiex tinstab ħtija fl-imputati ta’ din l-imputazzjoni kien meħtieġ li jkun ippruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputati kellhom l-intenzjoni li jikkawżaw dwejjaq jew ħsara lil Concetta Zarb.

Mill-istqarrija tal-imputata Yolanda Attard rilaxxata lil pulizija jirriżulta li sabiex Concetta Zarb siefret magħhom l-imputata Yolanda Attard kienet selfitha xi flus. Sostniet kif huma kienu qegħdin jgħixu ġo flat u Jacqueline Camilleri ġibdet fuq il-mobile tagħha filmat ta’ Concetta Zarb turi l-parti privata tagħha. Dak il-ħin hija ma kinitx il-flat. Eventwalment hija rritornat il-flat u fost ħafna daħk Jacqueline Camilleri urietha dan il-filmat. Sostniet li l-istess Jacqueline Camilleri bagħtittilha dan il-filmat fuq il-mobile Messenger tagħha. L-imputata Yolanda Attard sostniet li hija bagħtet dan il-filmat lill-għarus tagħha u lil oħtha fuq il-Facebook Messenger. Stqarret li hija kienet ħassret il-filmat mic-chat tal-għarus tagħha u ta’ oħtha u li hija jiddispjaċiha ta’ dak li ġara.

Illi mill-istqarrija tal-imputata Jacqueline Camilleri, jirriżulta li l-imputata Jacqueline Camilleri u Concetta Zarb kienu ħbieb kbar u fil-fatt min jaf kemm il-darba Concetta Zarb talbitha biex tmur tixtrilha, tiżbogħilha xagħra u anke jsajru u jieklu flimkien. Saħansitra fil-btala stess Jacqueline Camilleri kienet se tiġġennen għax Concetta Zarb intilfet u għamlet madwar ħames siegħat tfittixha.

L-imputata Jacqueline Camilleri ammettiet li kienet hi li ġibdet il-video, pero ma kellha ebda intenzjoni li dan il-filmat jinxtered għaliex wara kollox hi u Concetta Zarb dejjem flimkien u tgħidx kemm jidħku flimkien. Hija tieħu ħafna paċenzja b’Concetta Zarb.

Fl-istqarrija tagħha Jacqueline Camilleri sostniet li meta Yolanda Attard marret il-flat, Jacqeuline Camilleri wrietha il-filmat, u l-istess Yolanda Attard talbitha sabiex tibgħatilha l-filmat. Hija kontra qalbha aċċettat li tibgħatilha l-filmat pero qaltilha biex dik l-affari tibqa’ bejniethom u ma tibgħatu lil ħadd aktar. Apparti lil Yolanda Attard,

hija ma kinitx bagħtet il-filmat lil xi persuni oħra. Sostniet ukoll li malli waslu Malta hija kienet ħassret il-filmat.

Il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi kollha miġjuba fl-atti ta' din il-kawża u ma jirriżultalhiex li nġiebet prova konkreta sabiex ikun ippruvat li l-imputati kellhom l-intenzjoni li jikkawżaw dwejjaq jew ħsara lil Concetta Zarb. **Għalhekk din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mill-liġi, u m'hijiex sejra ssib lill-imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni.**

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni għamlu użu ieħor mhux xieraq bih"*

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati jinsabu akkużati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet liema Artikolu jipprovdi bil-mod segwenti:-

> *"49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –*
> *(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
> *(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
> ***(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:***
> *Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta'komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, u ma jwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna."*

L-imputati jsostnu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din l-imputazzjoni stante li r-reat de quo seħħ l-Italja.

Il-Qorti sostni li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeciedi dwar din l-imputazzjoni u dan skond l-artikolu 5 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-każ **Il-Pulizija vs Martin Galea** deċiża mill-Qortital-Appell Kriminali fis-19 ta' Ottubru 2022 ngħad li:

> *"Illi dawn il-proċeduri penali ġew istitwiti in segwitu għal kwerela magħmula lill-Pulizija Ezekuttiva minn Dr. Karol Aquilina in konnessjoni ma' kumment li l-appellant tefa' fuq il-pjattaforma soċjali tal-facebook tan-news portal ta' Television Malta. Dan il-kumment kien jikkostitwixxi kliem ta' mibegħda dirett lejn l-imsemmi Karol Aquilina u ħuh Robert Aquilina, President ta'l-moviment "Repubblika". Illi fil-fehma tal-Qorti il-kliem adoperat mill-appellant fil-kumment tiegħu ma huwiex kliem ingurjuż jew malafamanti fit-termini tad-defnizzjoni mogħtija fil-Kapitolu 549 u għalhekk ma jaqax taħt l-eżenzjoni kriminali ikkontemplata fil-proviso hawn fuq iċċitat għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***iżda jaqa' sewwasew fl-ambitu tas-sub-inċiż 3 tal-imsemmi artikolu tal-liġi u ċioe' l-użu mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika...*** *"*
>
> ***"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. ..... Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."***

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Muscat** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2023 ukoll ingħad:

> *"Illi, magħdud dan kollu, isegwi ukoll li l-appellat kellu jinstab ħati ukoll tat-tieni mputazzjoni dedotta kontrih, u ċioe' li għamel uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku."*
>
> *"Meta fil-paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li* ***ma jikkonsistix necessarjament f'theddid*** *izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis****, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel*** *ħsara,* ***jdejjaq,*** *jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant*

*ma hux għemil xieraq. ..... Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tarregola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."*

Fl-istqarrija tagħha l-imputata Yolanda Attard ammettiet li hija bagħtet il-filmat li juri l-parti intimat ta' Concetta Zarb kemm lill-għarus tagħha u lil anke lil oħta fuq il-Facebook Messenger. Imbagħad fl-istqarrija tagħha l-imputata Jacqueline Camilleri ammettiet li kienet hi li ġibdet il-video li juri l-parti intima ta' Concetta Zarb. Ammettiet ukoll li bagħtet il-filmat ta' dan il-video lill-imputata l-oħra Yolanda Attard.

Illi sabiex tinstab ħtija fl-imputati ta' din l-imputazzjoni kien meħtieġ li jkun ippruvat mill-Prosekuzzjoni li dak il-filmat għamel ħsara jew dejjaq jew ivvessa jew offenda lil Concetta Zarb.

Illi fix-xhieda tagħha Concetta Zarb tgħid li kienet siefret flimkien mal-imputati u oħrajn ġewwa Catania u kienu krew flat. Hija sostniet li meta marret tinħasel sabet li fil-kamra tal-banju ma kienx hemm banketta biex tpoġġi bilqiegħda biex tkun tista tilbes u għalhekk wara li nħaslet kienet kostretta toħroġ għarwiena. Malli ħarġet mill-kamra tal-banju sabet lill-imputata Jacqueline Camilleri u Camilleri qaltilha "mela tqaxxru" u ħaditilha ritratt tal-parti intima tagħha mingħajr lanqas biss kienet taf.

Concetta Zarb xehdet li kif appena ġiet lura mis-safar, it-tifla urietha l-filmat li hija kienet tidher b'mod indiċenti u marru jirrapurtaw lil pulizija dan il-każ għax b'dak il-filmat, l-imputati avvelewha ma kulħadd.

Frida Xuereb bint Concetta Zarb. Xehdet li qabel dan l-inċident hija kienet diġa talbet lil Jacqueline Camilleri sabiex ma ttellax ritratti ta' ommha fuq facebook.

Illi għalhekk mill-provi produċibbli, l-Prosekuzzjoni irnexilha tipprova li l-filmat tal-video li juri l-parti privata ta' Concetta Zarb inġibed mill-imputata Jacqueline Camilleri permezz tal-mobile tagħha. Irnexxilha tipprova wkoll li kemm l-imputata Jacqueline Camilleri u anke l-imputata Yolanda Attard bagħtu dan il-video lil terzi permezz ta' WhatsApp u Facebook Messenger. Finalment il-Prosekuzzjoni ippruvat li dak il-filmat dejjaq u offenda kemm lil Concetta Zarb u anke lil uliedha.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta.

Hawnhekk għandna każ ta tlett iħbieb li marru għal btala ġewwa Sqallija, fejn filwaqt li kienu qegħdin jieħdu pjaċir, f'mument minnhom f'atmosfera ta' briju, ċajt u żżufjettar inġibed filmat li kienet tidher fih b'mod indiċenti Concetta Zarb. Dan il-filmat spiċċa biex inxtered bħal leħħa ta' berqa fuq il-mezzi soċjali u dan ċertament mingħajr il-kunsens ta' Concetta Zarb. Dan wassal sabiex Concetta Zarb sofriet minn umiljazzjoni kbira.

Min naħa l-oħra jirriżulta li l-imputati qatt ma għaddielhom minn rashom li dan il-video kien se jispiċċa jinxtered fuq il-mezzi soċjali. Naturalment dan ma jiġġustifikax l-azzjoni tagħhom għaliex wara kollox kien minħabba l-aġir u l-azzjoni tagħhom li l-filmat spiċċa mifrux fuq il-mezzi soċjali.

L-imputati jridu jifhmu li fil-ħajja hemm limitu dwar wieħed x'jista jagħmel, u li qabel ma jagħmlu xi ħaġa huma għandhom jaħsbu fil-konsegwenzi tagħha.

Il-fatt li waqt l-akkadut l-imputati kienu qed jiċċajtaw, jiddieħku u jieħdu pjeċir flimkien ma jnaqqas xejn mil-gravita ta' dak li ġara u miċ-ċirkostanzi li ġabu lill-vittma fihom. Ċertament wieħed jirrikonoxxi li ma huwiex sew li wieħed jiġbed filmat li tidher fih b'mod indiċenti persuna u agħar minn hekk dan l-istess filmat intbagħat lil terzi mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna li tidher fil-filmat, b'konsegwenza li dan il-filmat spiċċa jinxtered fuq il-meżżi soċjali. Il-persuna li qegħda tidher fuq l-istess filmat, sejra tbagħti u tibqa' timbrata għal snin twal, possibilment matul ħajjitha kollha.

Is-sanzjoni applikabbli jeħtieġ li tkun waħda ċara u li tibgħat messagg ċar li wieħed ma għandu qatt jażżarda jiġbed u jxerred filmat ta' persuna li fih tkun tidher b'mod

indiċenti, aktar u aktar meta bħal f'dan il-każ il-persuna li tkun tidher fil-filmat lanqas biss tkun taf li inġibdilha dan il-filmat.

Min naħa l-oħra il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputati ma humiex persuni ta' kondotta vjolenti jew li għandhom bżonn xi tip ta' riforma fil-karattru tagħhom, tant li l-fedina penali tagħhom hija netta. Fuq kollox mill-istqarrijiet rillaxxati minnhom lil pulizija jidher li l-imputati urew li ġenwinament li ddispjaċihom u jidher li tgħallmu minn dan l-iżball.

**D. <u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputata Jacqueline Camilleri detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 43173(M) mhux ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minnha tilliberaha, u wara li rat l-artikoli 19 u 208E tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta ssibha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannaha għal multa ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir permezz ta' rati mensili ta' mitt Euro (€100) kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti issib lill-imputata Yolanda Attard detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 430369(M) mhux ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minnha tilliberaha, u wara li rat l-artikoli 19 u 208E tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Att Biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta ssibha ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannaha għal multa ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir permezz ta'rati mensili ta' mitt Euro (€100) kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx ħlas

ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**